# Il-ballottra



Minħabba li Malta pajjiż żgħir u ffullat bin-nies, ftit għandna speċi ta' mammiferi li jgħixu fl-ambjent naturali ta' pajjiżna. Wieħed minn dawn hija l-ballottra.

Il-ballottra hija l-uniku mammiferu karnivoru tal-art li għandna f'Malta. Hija tikkaċċja ġrieden, firien, fniek, gremxul, wiżgħat u sriep. Kultant tieħu wkoll bajd u frieħ tal-għasafar.

Il-ballottra hija annimal żgħir ħafna u għandha għamla ta' qattus tawwali. Tixbaħ ħafna lin-nemes (bl-Ingliż *ferret* jew *polecat*), annimal li spiss jitrabba min-nies bħala pet. In-nemes, però, huwa ikbar mill-ballottra u jvarja fil-kulur. Lewn il-ballottra huwa dejjem kannella ħamrani minn fuq u abjad minn taħt. L-irġiel u n-nisa jixxiebħu imma r-raġel ikun ikbar mill-mara. Il-ballottra hija wkoll l-iżgħar karnivoru tad-dinja.

Minbarra li hija żgħira, il-ballottra hija flessibb ħafna. Dawn iż-żewġ fatturi jgħinuha tidħol fi xqu u rkejjen żgħar wara l-priża tagħha. Minħabba tgħaddi minn irkejjen dojoq dari kien hawn m jemmen li l-ballottra m'għandhiex għadam. Da s'intendi mhux veru għax il-ballottra hija vertebı bħall-mammiferi kollha.

Biex jgħinuha tfittex il-priża, il-ballottra għandha s-sensi tax-xamm, tas-smigħ u tal-vista tajbin ħafna, u bis-saħħa tagħhom tikkaċċja kemm binhar kif ukoll bil-lejl. Dawn is-sensi jgħinuha wkoll taħrab mill-periklu. Għalhekk mhux faċli tara ballottra bla ma hi tkun intebħet bik minn qabel!

| | |
|---|---|
| Isem bl-Ingliż | **weasel** |
| Isem xjentifiku | ***Mustela nivalis*** |
| Daqs | ġisem 13–23ċm denb 3–6ċm |

Il-ballottra tgħix f'ħafna ħabitati. Wieħed mill-ħabitati favoriti huwa l-ħitan tas-sejjieħ fil-kampanja speċjalment fejn hemm ġnub imtarrġin ta' għolja għal ġo xi wied imwarrab. Madankollu tista' ssibha f'ambjenti oħrajn bħal xagħri, steppa, msaġar u raba', speċjalment fejn issib x'tiekol.

Il-ballottra hija annimal solitarju, jiġifieri tgħix u tikkaċċja weħidha, ħlief meta tkun omm bil-frieħ li jkunu għadhom magħha. Il-frieħ jitwieldu ġeneralment fir-rebbiegħa jew fis-sajf u jdumu ma' ommhom xi xahrejn. Wara dan ikunu kibru biżżejjed biex jitilqu u jfendu għal rashom.

Bħal ħafna predaturi oħra, il-ballottra mhix annimal komuni ħafna. Għadna ma nafux sew kemm u fejn hi mifruxa f'Malta, minħabba li għadu ma sarx biżżejjed studju fuqha. Nafu però li f'Għawdex u fuq Kemmuna dan l-annimal ma jinstabx.

Bħal kważi l-mammiferi kollha ta' Malta, il-ballottra hija mħarsa bil-liġi u ma tistax tinqabad, tinqatel jew b'xi mod titfixkel.




Qabel Malta qalbet għall-Ewro, il-ballottra kienet tidher fuq il-munita Maltija taċ-ċenteżmu (1c).




Stampa biex tingħata l-kulur.

© BirdLife Malta 2016
Kitba u tpinġija Victor Falzon

BirdLife MALTA

indirizz BirdLife Malta, Flat 1–2, Triq is-Simar, Ix-Xemxija SPB 9025
tel 21347645/6
imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org